



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5364/23

AGRILEG 5
VETER 6
DELECT 7

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Jannar 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 212 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 13.1.2023 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/686 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-prodotti ġerminali u r-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni tal-prodotti ġerminali ta' ċerti annimali terrestri miżmuma

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2023) 212 final.

Mehmuż: C(2023) 212 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.1.2023
C(2023) 212 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 13.1.2023

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/686 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-prodotti ġerminali u r-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni tal-prodotti ġerminali ta' ċerti annimali terrestri miżmuma

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")¹ jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni u għall-kontroll tal-mard, li huwa trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin, inkluż ir-regoli għar-reġistrazzjoni u għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-prodotti ġerminali, u għar-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti ta' konsenji ta' prodotti ġerminali fl-Unjoni. Jagħti s-setgħa wkoll lill-Kummissjoni sabiex tadotta regoli li jissupplimentaw ċerti elementi mhux essenzjali ta' dak ir-Regolament permezz ta' atti delegati.

Il-Kummissjoni stabbiliet regoli bħal dawn fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-prodotti ġerminali u r-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni tal-prodotti ġerminali ta' ċerti annimali terrestri miżmuma².

Matul l-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament diversi Stati Membri u partijiet ikkonċernati indikaw li wara l-iżviluppi reċenti u l-ispeċjalizzazzjonijiet fis-settur tal-prodotti ġerminali, id-definizzjoni ta' gruppi għall-għbir tal-embrijuni għandha tinkludi wkoll dawk il-gruppi li jiġbru u jimmaniġġaw biss ooċiti mhux fertilizzati. Dik id-definizzjoni u l-Artikoli relatati għandhom għalhekk jiġu emendati biex ikopru gruppi bħal dawn.

L-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jistabbilixxi deroga mir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-annimali bovini, porċini, ovini, kaprini u ekwini donaturi li jinġarru minn ċentru tal-għbir tas-sena għal ieħor. L-esperjenza mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati bl-implimentazzjoni ta' dak l-Artikolu indikat inċertezza legali fir-rigward l-involvement tal-veterinarji uffiċjali. Għalhekk, dak l-Artikolu 19 għandu jiġi ċċarat.

L-Artikolu 36 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni ta' prodotti ġerminali ta' klieb u qtates, prinċipalment biex tittaffa r-rabja u tiġi promossa l-konformità ma' miżuri preventivi tas-saħħa tal-annimali kontra l-*Echinococcus multilocularis*. L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati qajmu dubji dwar ir-rilevanza u l-proporzjonalità ta' dawn ir-rekwiżiti. Peress li l-istandards internazzjonali rilevanti tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) ma fihomx rekwiżiti komparabbli, l-Artikolu 36 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 u l-elementi relatati minn Artikoli sussegwenti dwar iċ-ċertifikazzjoni uffiċjali u n-notifika tal-moviment ta' prodotti ġerminali ta' klieb u qtates bejn l-Istati Membri għandhom jiġihassru.

Matul l-implimentazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 diversi Stati Membri u partijiet ikkonċernati rrapportaw diversi problemi tekniċi u ta' segwitu relatati mal-ittestjar tal-annimali porċini. L-elementi rilevanti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/686 għandhom jiġu emendati f'konformità mal-aħħar informazzjoni xjentifika u mal-istandards internazzjonali tad-WOAH.

L-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali tas-saħħa tal-annimali u dettalji tekniċi dwar iż-żieda ta' antibijotiċi mas-semen, inkluż iż-żieda obbligatorja mas-semen ta' annimali bovini u porċini. Filwaqt li dawn ir-rekwiżiti bħalissa huma f'konformità mal-istandards internazzjonali tad-WOAH, dawk l-istandards internazzjonali jinsabu fil-proċess li jiġu emendati, lejn użu volontarju, aktar flessibbli u

¹ ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

² ĠU L 174, 3.6.2020, p. 1.

prudenti tal-antibijotiċi. Barra minn hekk, l-informazzjoni mil-letteratura xjentifika u mill-partijiet ikkonċernati tindika affarijiet simili. Għalhekk, ir-rekwiżiti rilevanti għandhom jiġu ssimplifikati u għandhom ikunu magħmulin fakultattivi.

Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ġew identifikati xi żbalji sostanzjali. Fl-interess taċ-ċertezza u ċ-ċarezza legali, dawk l-iżbalji għandhom jiġu kkoreġuti.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-laqgħat tal-gruppi tal-esperti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament Delegat saru fl-14 ta' Ottubru 2021 u fl-1 ta' Lulju 2022. L-abbozz tar-Regolament Delegat sar disponibbli wkoll għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill. Ma wasal l-ebda kumment mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Intwerew l-elementi ewlenin tal-abbozz tal-att lil firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati u dawn ġew diskussi magħhom ukoll bħala parti mil-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Saħħa tal-Annimali tat-28 ta' Ottubru 2022.

Barra minn hekk, il-kummenti tal-partijiet ikkonċernati dwar l-abbozz tar-Regolament Delegat inġabru fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' feedback għal regolamentazzjoni aħjar tul il-perjodu bejn il-11 ta' Novembru u d-9 ta' Diċembru 2022. Bosta mill-10 kummenti kienu minn parti(jiet) kkonċernata/i li kienu qegħdin jipprotestaw kontra l-ikel modifikat ġenetikament mill-Istati Uniti li jinsab fis-suq tal-Unjoni u għalhekk ma kinux rilevanti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rċeviet suġġeriment bil-miktub permezz tal-posta elettronika minn Copa-Cogeca, li ma kienx rilevanti u dan ġie ċċarat ma' Copa-Cogeca. Il-Kummissjoni ma emendatx l-abbozz b'segwitu għal dawn il-kummenti.

Saru diversi skambji u laqgħat ma' firxa ta' partijiet ikkonċernati kif ukoll mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi fejn ġew diskussi elementi rilevanti fir-rigward tal-fini u l-kontenut tal-abbozz tal-att delegat.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat għandu jiġi adottat fil-qafas tar-Regolament (UE) 2016/429 u, b'mod partikolari skont l-Artikolu 160(1) u (2), u l-Artikoli 162(4) u 164(2) tiegħu.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 13.1.2023

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/686 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-prodotti ġerminali u r-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni tal-prodotti ġerminali ta' ċerti annimali terrestri miżmuma

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 160(1) u (2), u l-Artikoli 162(4) u 164(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni u għall-kontroll tal-mard tal-annimali li huwa trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin, inkluż ir-regoli għar-reġistrazzjoni u għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-prodotti ġerminali, u għar-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti ta' konsenji ta' prodotti ġerminali fl-Unjoni. Ir-Regolament (UE) 2016/429 jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta r-regoli li jissupplimentaw ċerti elementi mhux essenzjali ta' dak ir-Regolament permezz ta' atti delegati.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686² jistabbilixxi r-regoli ta' supplementazzjoni għall-approvazzjoni ta' istabbilimenti tal-prodotti ġerminali, għaż-żamma tar-rekords u għat-traċċabbiltà tal-prodotti ġerminali, kif ukoll ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikazzjoni għall-movimenti fl-Unjoni tal-prodotti ġerminali ta' ċerti annimali terrestri miżmuma.
- (3) Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament huma meħtieġa li jissupplimentaw dawk stabbiliti fil-Parti IV, Titolu I, Kapitolu 5, tar-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tar-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u tas-saħħa tal-annimali u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni ta' konsenji ta' prodotti ġerminali ta' ċerti annimali terrestri miżmuma sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' mard trażmissibbli tal-annimali fl-Unjoni minn dawk il-prodotti.
- (4) Dawn ir-regoli huma sostanzjalment marbutin u ħafna minnhom huma intiżi biex jiġu applikati flimkien. Għal aktar sempliċità u trasparenza, kif ukoll biex tiġi ffaċilitata l-

¹ ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-prodotti ġerminali u r-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni tal-prodotti ġerminali ta' ċerti annimali terrestri miżmuma (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 1.).

applikazzjoni tagħhom u biex tiġi evitata multiplikazzjoni tar-regoli, dawn għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'att wieħed pjuttost milli f'għadd ta' atti separati b'ħafna referenzi inkroċjati bir-riskju li ssir duplikazzjoni.

- (5) Matul l-implimentazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 diversi Stati Membri u partijiet ikkonċernati indikaw li wara l-iżviluppi reċenti u l-ispeċjalizzazzjonijiet fis-settur tal-prodotti ġerminali, id-definizzjoni tal-grupp għall-ġbir tal-embrijuni jenħtieġ li tinkludi wkoll grupp li jiġbor u jimmaniġġa biss ooċiti mhux fertilizzati. Għalhekk, jenħtieġ li dik id-definizzjoni u r-rekwiżiti relatati jiġu emendati biex ikopru grupp bħal dan.
- (6) L-istabbilimenti tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali jistgħu jinvolvu ruħhom fi proċessi oħrajn għajr is-sessaġġ tas-semen. Fl-interess tat-traċċabbiltà tal-prodotti proċessati, ir-rekwiżiti supplimentari ta' traċċabbiltà li qabel kienu applikabbli biss għas-semen sessat jenħtieġ li jiġu estiżi bl-istess mod għall-prodotti proċessati kollha.
- (7) L-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jistabbilixxi deroga mir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-annimali bovini, porċini, ovini, kaprini u ekwini donaturi li jinġarru minn ċentral tal-ġbir tas-sena għal ieħor. L-esperjenza mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati bl-implimentazzjoni ta' dak l-Artikolu indikat inċertezza legali fir-rigward tal-grad ta' involviment tal-veterinarji uffiċjali. Għalhekk, jenħtieġ li dak l-Artikolu jiġi ċċarat.
- (8) L-Artikolu 36 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni ta' prodotti ġerminali ta' klieb u qtates, prinċipalment biex tittaffa r-rabja u tiġi promossa l-konformità ma' miżuri preventivi tas-saħħa tal-annimali kontra l-*Echinococcus multilocularis*. L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati qajmu dubji dwar ir-rilevanza u l-proporzjonalità ta' dawn ir-rekwiżiti. Peress li l-istandards internazzjonali rilevanti tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) ma fihomx rekwiżiti komparabbli, l-Artikolu 36 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 u l-formulazzjoni relatata fir-rekwiżiti dwar iċ-ċertifikazzjoni uffiċjali u n-notifika tal-moviment ta' prodotti ġerminali ta' klieb u qtates bejn l-Istati Membri jenħtieġ li jiġi ttrassat.
- (9) Il-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 tistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali tas-saħħa tal-annimali għall-annimali porċini donaturi. F'konformità mal-Parti 2, il-Kapitolu I, il-punt 1(c)(iv), ta' dak l-Anness, l-annimali pożittivi għal infezzjoni bil-virus tas-sindrome riproduttiva u respiratorja tal-ħnieżer għandhom jitneħħew minnufih mill-akkomodazzjoni ta' kwarantina. L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati qajmu dubji dwar il-proporzjonalità ta' dan ir-rekwiżit fid-dawl ta' diffikultajiet prattiċi u mixhuda xjentifikament bi prova bil-metodi dijanjostiċi attwali. Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jenħtieġ li jiġi emendat sabiex jipprevedi possibbiltajiet differenti ta' segwitu meta jintużaw tipi differenti ta' metodi dijanjostiċi biex jiġu kkonfermati jew esklużi każijiet suspettati f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689³.
- (10) Il-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 tistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali tas-saħħa tal-annimali, inkluż l-ittestjar għad-deni klassiku tal-ħnieżer tal-annimali porċini miżmuma f'ċentri għall-ġbir tas-semen. Madankollu, l-istandards internazzjonali rilevanti tad-WOAH ma jirrikjedux l-ittestjar ta' annimali bħal dawn

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211)

f'pajjiżi fejn ma ġewx irrapportati tifqigħat tad-deni klassiku tal-ħnieżer u t-tilqim kontra din il-marda ma ġiex ipprattikat fit-12-il xahar ta' qabel. Għalhekk, l-ittestjar għal dik il-marda tal-annimali porċini miżmuma f'ċentri għall-ġbir tas-semen jenħtieġ li jitwaqqaf f'dawk il-pajjiżi li la rrapportaw deni klassiku tal-ħnieżer, u lanqas ma laqqmu kontriha fit-12-il xahar ta' qabel.

- (11) Jenħtieġ li r-referenzi għall-virus tal-marda emorraġika epizootika jiġu emendati biex jiġu allinjati mar-referenzi għal dak il-virus f'atti oħrajn tal-Unjoni u biex jiġi ċċarat li s-serotipi kollha ta' dak il-virus huma koperti mir-regoli. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika jenħtieġ li jsegwu aktar mill-qrib l-istandards internazzjonali tad-WOAH biex jipprevedu l-possibbiltà ta' perjodu ħieles mill-vetturi bħala miżura fakultattiva u addizzjonali ta' mitigazzjoni tar-riskju relatata ma' dik l-infezzjoni, biex jiġi żgurat il-kummerċ sikur tal-prodotti ġerminali tal-annimali bovini, ovini u kaprini.
- (12) L-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali tas-saħħa tal-annimali fir-rigward taż-żieda ta' antibijotiċi mas-semen, inkluża ż-żieda obbligatorja tagħhom mas-semen ta' annimali bovini u porċini. Filwaqt li dawk ir-rekwiżiti huma f'konformità mal-istandards internazzjonali tad-WOAH, dawk l-istandards internazzjonali jinsabu fil-proċess li jiġu emendati, lejn l-użu volontarju, aktar flessibbli u prudenti tal-antibijotiċi. Barra minn hekk, l-informazzjoni mil-letteratura xjentifika, mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati tindika ħtiġijiet simili. Għalhekk, ir-rekwiżiti rilevanti jenħtieġ li jiġu ssimplifikati u jkunu magħmulin fakultattivi.
- (13) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ġew identifikati xi żbalji sostanzjali. B'mod partikolari, il-formulazzjoni fir-rigward tal-prevenzjoni tad-dħul ta' persuni mhux awtorizzati f'ċentri għall-ġbir tas-semen u fi stabbilimenti għall-ipproċessar tal-prodotti ġerminali ħolqot inċertezza legali. Barra minn hekk, referenza mhux korretta fit-test applikabbli għal ċerti annimali ekwini li jidħlu f'ċentri għall-ġbir tas-semen għall-annimali ekwini biddlet b'mod mhux intenzjonat ir-rekwiżiti li l-veterinarji taċ-ċentru għandhom jiżguraw is-sodisfar tagħhom. Fl-interess taċ-ċertezza u taċ-ċarezza legali, dawk l-iżbalji jenħtieġ li jiġu kkoreġuti.
- (14) Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jenħtieġ li jiġi emendat u kkoreġut skont dan,

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/686 huwa emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 1(7), jitħassar il-punt (a);
2. fl-Artikolu 2, il-punt (12) huwa sostitwit b'dan li ġej:
 “(12) “grupp għall-ġbir tal-embrijuni” tfisser stabbiliment tal-prodotti ġerminali magħmul minn grupp ta' professjonisti jew struttura approvata mill-awtorità kompetenti għall-ġbir, għall-ipproċessar, għall-ħżin u għat-trasport ta' ooċiti jew embrijuni derivati *in vivo* ta' annimali bovini, porċini, ovini, kaprini jew ekwini intiżi biex jinġarru lejn Stat Membru ieħor, kif imsemmi fl-Artikolu 4;”;
3. fl-Artikolu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

- “(b) il-grupp ta’ professjonisti jew l-istruttura ssorveljata minn veterinarju tal-grupp li huwa kompetenti li jwettaq il-ġbir, l-ipproċessar u l-ħżin ta’ ooċiti jew embrijuni ta’ annimali bovini, porċini, ovini, kaprini jew ekwini għall-approvazzjoni bħala grupp għall-ġbir tal-embrijuni.”;
4. fl-Artikolu 4(1), il-punt (b)(ii) huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “(ii) fil-punt 2 tal-Parti 2 tal-Anness I, fir-rigward tal-ġbir, l-ipproċessar, il-ħżin u t-trasport tal-ooċiti jew tal-embrijuni ta’ annimali bovini, porċini, ovini, kaprini jew ekwini.”;
5. fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “2. Fil-każ ta’ prodott ġerminali proċessat fi stabbiliment tal-prodotti ġerminali għajr l-istabbiliment tal-ġbir tal-prodotti ġerminali, l-operatur tal-istabbiliment tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali għandu jissupplimenta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 b’informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tan-numru tal-approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tal-ipproċessar ta’ dak il-prodott ġerminali.”;
6. fl-Artikolu 19, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “2. L-operaturi għandhom iġorru biss annimali donaturi, kif imsemmi fil-frażi introduttorja tal-paragrafu 1, bil-kunsens minn qabel tal-veterinarju taċ-ċentru tal-ġbir tas-semen tad-destinazzjoni.”;
7. l-Artikolu 36 jitħassar;
8. l-Artikolu 39 huwa emendat kif ġej:
- (a) il-paragrafu 1 jitħassar;
- (b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “4. Il-veterinarju uffiċjali għandu jwettaq il-kontrolli u l-eżamijiet kif previst fil-paragrafi 2 u 3 u għandu joħroġ iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali fil-perjodu tat-72 siegħa qabel il-ħin tad-dispaċċ tal-konsenja tal-prodotti ġerminali.”;
9. l-Artikolu 40 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 40

Rekwiżiti ta’ ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti ta’ konsenji ta’ prodotti ġerminali tal-annimali terrestri miżmuma għajr tal-annimali bovini, porċini, ovini, kaprini u ekwini bejn l-Istati Membri

Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri ta’ konsenji ta’ prodotti ġerminali ta’ annimali terrestri għajr tal-annimali bovini, porċini, ovini, kaprini jew ekwini miżmuma fi stabbilimenti konfinati jew ta’ annimali tal-familja *Camelidae* jew *Cervidae*, għandhom jinkludu mill-inqas l-informazzjoni stabbilita fil-punt 2 tal-Anness IV.”;

10. l-Artikolu 41 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 41

Rekwiżit għal notifika bil-quddiem mill-operaturi tal-movimenti ta' konsenji ta' prodotti ġerminali ta' annimali terrestri miżmuma għajr tal-annimali bovini, porċini, ovini, kaprini u ekwini bejn l-Istati Membri

Meta jinġarru lejn Stat Membru ieħor, il-konsenji ta' prodotti ġerminali ta' annimali terrestri għajr tal-annimali bovini, porċini, ovini, kaprini jew ekwini li jinżammu fi stabbilimenti konfinati, jew ta' annimali tal-familja *Camelidae* jew *Cervidae*, l-operatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tal-konsenji dwar il-moviment maħsub qabel ma jinġarru l-konsenji tal-prodotti ġerminali.”.

Artikolu 2

L-Annessi I u IV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 huma emendati f'konformità mal-Parti A tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

L-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 huwa kkoreġut f'konformità mal-Parti B tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13.1.2023

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN